# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 12 ta' Gunju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 7/2024 JPG**
**Kawza nru.: 23**

**JC**
**Vs**
**DT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur datat 10 ta' Jannar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-knisja ta' Birkirkara skont certifikat hawn anness Dokument A;*

*Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed li jismu M li twieled f'X u li ghadu minorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom separati mill-hamsa ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dana permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento, anness Dokument B;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtieg ghall-ksib tad-divorzju skondl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimata datata 11 ta' Marzu 2024, a fol 28 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti tixitieq tissottometti illi bdiet proceduri quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku sabiex jezamina u jiddeciedi jekk hemmx ragunijiet sabiex iz-zwieg taghha mar-rikorrenti JC ghandux jigi dikjarat null u dana kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala "DT1";*

*Illi in oltre l-esponenti tixtieq tissottometti illi hija moralment ma taqbilx mad-divorzju u ghal din ir-raguni u anke ghar-raguni li hemm proceduri pendenti dwar nullita' tal-istess zwieg ma taqbilx li jigi ppronunzjat id-divorjzu;*

*Illi jigi rilevat li ghalkemm jezistu r-rekwiziti u l-kundizzjonijet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti thalli fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jekk ghandhiex tghaddi ghal gudizzju ladarba hemm proceduri ohra pendent dwar l-istess zwieg;*

*Illi l-esponenti tissottometti li kull decizjoni m'ghandhiex tippregudika d-drittijiet kollha taghha u ta' binha naxxenti miz-zwieg u m'ghandhiex tippregudika d-drittijiet, termini u kundizzjonijiet ikkuntrattati fil-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet li ghandu jibqa' validu, veljenti u impregudikat;*

*Illi finalment l-esponenti tikkontesta l-ispejjez kollha tad-divorzju li ghandhom thallsu fl-intier mir-rikorrenti.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju a savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-Intimata xehdet (vide xhieda fol 40)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' Gunju 2013 u li minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed li ghadu minorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 5 t'April 2019 fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment. Di piu' ikkonfermat li hija ma taqbilx mad-divorzju u gja ntavolat proceduri ghall-annullament quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku. Ghaldaqstant ipprotestat ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**L-attur xehed** permezz ta' affidavit a Fol 42 u kkonferma il-kontenut tar-rikors promotur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 2013 liema zwieg jgib certifikat numru 1616/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg kellhom tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento nhar il-5 ta' April 2019 (Vide fol 6 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.  Il-Qorti rat illi l-intimata kienet gja intavolat proceduri ta' annullament qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni, ghaldaqstant tilqa' l-eccezzjoni taghha ghar-rigward il-Kap tal-Ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1616/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**